

**Brussell, 6 ta' Diċembru 2021
(OR. en)**

14751/21

**SOC 725
EMPL 542
SAN 737**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	13994/1/21 REV 1 + REV 1 COR 1
Suġġett:	Xogħol sostenibbli matul il-ħajja - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq kif approvati mill-Kunsill EPSCO fil-laqgħa tiegħu li saret fis-6 ta' Diċembru 2021.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar xogħol sostenibbli matul il-ħajja

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li:

1. Id-dinja tax-xogħol qed tinbidel malajr minħabba l-progress teknoloġiku, il-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima u t-tixjiħ tal-popolazzjoni. Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tal-UE ilha tonqos għal għaxar snin u din ix-xejra mistennija li tkompli¹. Bil-popolazzjoni ġenerali tibqa' relattivament kostanti, ir-riskju ta' nuqqas ta' ħaddiema qed jiżdied. Biex jagħmlu tajjeb għat-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, jeħtieġ li jiddaħħlu aktar nies fis-suq tax-xogħol u li dawn jinżammu hemm, billi jiġu offruti impjiegi ta' kwalità, li jippermettulhom ħajja tax-xogħol itwal u li jtejbu l-produttività².
2. It-titjib kontinwu tal-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol tan-nies huwa l-oġettiv essenzjali tal-Unjoni Ewropea³. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali⁴ (minn hawn 'il quddiem: il-Pilastru) huwa l-boxxla li tiggwidana fil-kisba ta' dan l-għan. L-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew tidentifika l-implimentazzjoni tal-Pilastru bħala azzjoni ta' prijorità għall-2019–2024. Fid-dikjarazzjoni ta' Porto, il-mexxejja tal-UE ddikjaraw li l-Pjan ta' Azzjoni⁵ tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jipprovdi gwida utli għall-implimentazzjoni tal-Pilastru u laqgħu t-tliet miri ewlenin ġodda tal-UE għall-2030 dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar.

¹ Ara wkoll il-Green Paper dwar it-Tixjiħ, Inrawmu solidarjetà u responsabbiltà bejn il-ġenerazzjonijiet, COM(2021) 50 final

² Ara wkoll ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku, 2020.

³ Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, Preambolu

⁴ Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU 2017/C 428/09

⁵ Pjan ta' Azzjoni ppreżentat mill-Kummissjoni fl-4 ta' Marzu 2021.

3. L-Unjoni u l-Istati Membri ntrabtu li jilħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti⁶, inkluż l-Għan nru 8, li jiffoka fuq tkabbir ekonomiku sostenibbli, livell massimu ta' impjiegi produttivi u xogħol deċenti għal kulħadd. Kif għe rikonoxxut ukoll fid-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO, id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel teħtieġ azzjoni urġenti biex jinħatfu l-opportunitajiet offruti u jiġu indirizzati l-isfidi ppreżentati billi jissawwar għejjieni għust, inklużiv u sigur ta' xogħol għal kulhadd⁷.
4. Il-partijiet għall-Karta Soċjali Ewropea aċċettaw ċerti drittijiet u prinċipji bħala objettivi tal-politika tagħhom: il-ħaddiema kollha għandu jkollhom id-dritt ta' kundizzjonijiet ta' xogħol xierqa, id-dritt ta' kundizzjonijiet ta' xogħol sikuri u sani, u d-dritt ta' negozjar kollettiv, ta' għażla ħielsa tal-impjieg tagħhom, ta' remunerazzjoni għusta u suffiċjenti għal standard tal-għajxien deċenti għall-ħaddiema u l-familji tagħhom, tal-libertà ta' assoċjazzjoni, ta' protezzjoni speċjali jekk ikunu tfal, żgħażaġh jew nisa, u ta' faċilitajiet xierqa ta' gwida vokazzjonali u taħriġ vokazzjonali. Barra minn hekk, il-persuni kollha b'responsabbiltajiet ta' familja u li għandhom impjieg jew jixtiequ jkollhom impjieg għandhom id-dritt ikollhom dan mingħajr ma jkunu soġġetti għal diskriminazzjoni, u kemm jista' jkun mingħajr konflitt bejn ir-responsabbiltajiet tal-impjieg u dawk tal-familja tagħhom⁸. Dan huwa partikolarment rilevanti għan-nisa, li għandhom iqattgħu aktar ħin f'xogħol tal-indukrar bla ħlas mill-kontropartijiet irġiel tagħhom.

⁶ Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Agenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli), A/RES/70/1

⁷ Id-Dikjarazzjoni taċ-Ċentenarju tal-ILO għall-Futur tax-Xogħol u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: l-Unjoni Ewropea tippromwovi d-Dikjarazzjoni Ċentenarja tal-ILO, 13436/19

⁸ Il-Karta Soċjali Ewropea (riveduta), li għet ratifikata mill-Istati Membri li għejjin tal-UE: AT, BE, BG, CY, EE, FI, FR, DE, EL, HU, IE, IT, LV, LT, MT, NL, PT, RO, SK, SI, ES u SE.

5. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2020⁹, dwar "Sfidi Demografiċi – it-Triq 'il Quddiem", il-Kunsill għaraf l-impatt sinifikanti tat-tranżizzjoni demografika fuq l-ekonomiji u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħna. Il-Kunsill appella lill-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi ppreżentati mit-tranżizzjoni filwaqt li jisfruttaw l-opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Il-Kunsill irrikonoxxa wkoll in-natura reċiprokament rinforzanti tal-benesseri tan-nies u t-tkabbir ekonomiku fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2019¹⁰ dwar l-Ekonomija tal-Benesseri.
6. Inizjattivi reċenti mill-Kummissjoni għandhom l-għan li jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità u s-sostenibbiltà tax-xogħol. Il-Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027¹¹ jispeċifika l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ewlenin li l-Kummissjoni tqis meħtieġa għat-titjib tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fis-snin li ġejjin, li ser ikunu kkaratterizzati mit-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u dik demografika. L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa¹² għandha l-għan li twettaq l-ewwel prinċipju tal-Pilastru, dwar id-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u taġlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi.
7. It-terminu "xogħol sostenibbli tul il-ħajja" użat f'dawn il-Konklużjonijiet ifisser kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol li jippermettu lin-nies jipparteċipaw fix-xogħol u jibqgħu fih għal żmien itwal ta' ħajja tax-xogħol. Dan jinkludi t-trasformazzjoni tax-xogħol biex jiġu eliminati l-fatturi li jiskoraġġixxu jew iżommu lill-ħaddiema lura milli jibqgħu fil-forza tax-xogħol jew milli jidħlu fiha, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi individwali¹³. Id-disponibbiltà għax-xogħol tvarja u x'aktarx li tinbidel matul il-ħajja. L-isfida hija li l-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet tal-individwu jkunu jaqblu mal-kwalità tal-impjiegi offruti.¹⁴

⁹ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Isfidi Demografiċi – it-Triq 'il Quddiem, ĠU 2020/C 205/03

¹⁰ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri, ĠU 2019/C 400/09

¹¹ Qafas strateġiku tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol 2021-2027, COM(2021)323 final

¹² Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza, COM(2020)274 final

¹³ Il-karatteristiċi ta' individwu fir-rigward tax-xogħol (kapaċitajiet, ħtiġijiet, saħħa, ħiliet, eċċ.) u ċ-ċirkostanzi individwali jinbidlu matul il-ħajja u hekk ukoll jgħodd għad-disponibbiltà għax-xogħol.

¹⁴ Eurofound, 2015, "Sustainable work over the life course: Concept paper" (Xogħol sostenibbli tul il-ħajja: Dokument ta' Kunċett).

8. Jista' jinkiseb xogħol sostenibbli billi jsir investment f'impjiegi ta' kwalità u kapital uman, b'enfasi partikolari fuq kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Ix-xogħol sostenibbli huwa komponent essenzjali tal-ekonomija tal-benesseri¹⁵ u mutur importanti għal żieda fil-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol, fil-produttività, il-prestazzjoni ekonomika¹⁶ u l-inklużjoni soċjali. Jekk ix-xogħol ma jkunx sostenibbli, dan jaffettwa s-saħħa u l-benesseri tan-nies fis-suq tax-xogħol u tad-dipendenti tagħhom, b'konsegwenzi li jfeġġu minnufih jew fuq medda ta' żmien minn medju sa twil¹⁷.
9. Fl-opinjoni tiegħu dwar xogħol ta' kwalità sostenibbli¹⁸, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew a) jagħraf ix-xogħol ta' kwalità sostenibbli bħala wieħed mill-komponenti essenzjali tal-kwalità tal-ħajja u wieħed li jrid jiġi kkunsidrat flimkien mal-kunċett tal-iżvilupp sostenibbli; b) iqis li l-garanzija ta' xogħol ta' kwalità sostenibbli hija r-responsabbiltà komuni tal-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali; u c) jenfasizza li d-djalogu soċjali għandu jissaħħaħ u jinfirx biex ikopri aktar suġġetti strateġiċi ffukati fuq is-sostenibbiltà.

¹⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Ekonomija tal-Benesseri, ĠU 2019/C 400/09

¹⁶ OECD, 2018, Dokumenti ta' Ħidma Nru 221 dwar il-Qasam Soċjali, l-Impjiegi u l-Migrazzjoni, "Job Quality, Health and Productivity: An evidence-based framework for analysis" (Il-Kwalità tal-Impjiegi, is-Saħħa u l-Produttività: Qafas ta' analiżi bbażat fuq l-evidenza).

¹⁷ Eurofound, 2015, "Sustainable work over the life course: Concept paper"; u Eurofound, 2021, "Working conditions and sustainable work: An analysis using the job quality framework" (Kundizzjonijiet tax-xogħol u xogħol sostenibbli: Analiżi bl-użu tal-qafas tal-kwalità tal-impjiegi).

¹⁸ Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, 2021, "Key components of sustainable quality work during and after recovery" (Komponenti ewlenin ta' xogħol ta' kwalità sostenibbli matul u wara l-irkupru), [Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Slovena], SOC/685.

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA li:

10. Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol li qed tonqos u l-għomor li qed jitwal jippreżentaw sfidi għall-funzjonament tas-suq tax-xogħol u jitolbu approç komprehensiv fl-adattament tas-sistemi tal-protezzjoni soçjali. Il-projezzjonijiet demografiçi fit-tul għall-UE juru li l-popolazzjoni mistennija tonqos u tinbidel sostanzjalment fl-istruttura tagħha tal-etajiet¹⁹. It-tkabbir fil-produttività tax-xogħol huwa pprojetat li jsir l-uniku sors ta' tkabbir potenzjali fil-produzzjoni fl-UE u li fuq żmien twil l-ispiża totali tat-tixjiħ mistennija tizdied²⁰.
11. Ix-xogħol sostenibbli huwa fundamentali biex l-individwi jkunu jistgħu jibqgħu f'saħħithom u attivi hekk kif jikbru fl-età, biex titwal il-ħajja tax-xogħol tagħhom, biex ikun hemm sistemi ta' protezzjoni soçjali adegwati u sostenibbli, u biex b'hekk l-ekonomija tiffunzjona kollha kemm hi. Filwaqt li għad hemm bżonn ta' aktar riçerka dwar ix-xogħol sostenibbli, l-analiżi disponibbli turi biç-çar li l-investimenti f'kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-bilanç bejn ix-xogħol u l-ħajja privata jagħtu l-frott billi jtejbju l-benesseri tan-nies u b'hekk itejbu l-produttività u l-parteċipazzjoni tagħhom fix-xogħol tul ħajja tax-xogħol itwal.

¹⁹ Il-popolazzjoni fl-età tax-xogħol (20-64 sena) ser tonqos bi 32.1 miljun ħaddiem potenzjali (18.6-il miljun raġel, 13.5-il miljun mara) sal-2070, li jfisser li l-UE jkollha inqas minn żewġ persuni fl-età tax-xogħol għal kull persuna ta' 65 sena jew aktar, minflok madwar tliet persuni fl-età tax-xogħol fl-2019. Fi: Kummissjoni Ewropea, 2021, "The 2021 Ageing Report: Economic and Budgetary Projections for the EU Member States (2019-2070)" (Ir-Rapport tal-2021 dwar it-Tixjiħ: Projezzjonijiet Ekonomiçi u Baġitarji għall-Istati Membri tal-UE (2019-2070)), Dokument Istituzzjonali 148.

²⁰ ibid.

12. Il-kwalità tal-impjiegi fl-Unjoni kienet qed titjieb bil-mod fl-għexieren ta' snin reċenti²¹. Fl-2015, 86 % tal-impjegati fl-UE kienu sodisfatti jew sodisfatti ħafna bil-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Madankollu, ftit inqas minn kwart qiesu li xogħolhom ipperikola s-saħħa jew is-sigurtà tagħhom, u kwart kienu jemmnu li xogħolhom kellu impatt negattiv fuq saħħithom, bl-irġiel aktar probabbli li jirrappurtaw dawn l-influenzi negattivi. Ħiliet adegwati huma fattur importanti li jwassal għas-sodisfazzjon u l-produttività fuq ix-xogħol, u madwar 28 % tal-impjegati rrappurtaw li għandhom il-ħiliet biex iwettqu dmirijiet aktar impenjattivi (30 % tal-irġiel, 27 % tan-nisa), waqt li 14 %²² irrappurtaw li jeħtieġu aktar taħriġ biex iwettqu dmirijiethom tajjeb²³. Is-siġhat tax-xogħol ma jaqblux sew mal-impenji tal-familja jew soċjali barra mix-xogħol għal kważi wieħed minn kull ħames ħaddiema (20 % tal-irġiel, 16 % tan-nisa) u wieħed minn kull ħames ħaddiema ħassewhom għajjenin wisq wara x-xogħol biex jagħmlu xi faċendi meħtieġa fid-dar²⁴.

²¹ Eurofound, 2021. "Working conditions and sustainable work: An analysis using the job quality framework".

²² Iċ-ċifri huma diżaggregati skont is-sess fejn dan hu disponibbli biss u fejn hemm differenza tanġibbli bejn l-irġiel u n-nisa (japplika għat-test kollu).

²³ Eurofound, 2021. "Working conditions and sustainable work: An analysis using the job quality framework".

²⁴ Eurofound, 2017. "Sixth European Working Conditions Survey – Overview report, figures for EU-28" (Is-Sitt Stharriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol – Rapport ġenerali, ċifri għall-UE-28).

13. Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol huma prerekwiżit biex ix-xogħol ikun sostenibbli tul il-ħajja. Il-konsegwenzi negattivi tax-xogħol (fuq is-saħħa) li jakkumulaw matul il-ħajja tax-xogħol ta' persuna jħallu effetti negattivi fuq it-tixjiħ tagħha u jistgħu jnaqqsulha l-ħajja tax-xogħol. It-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u dik demografika jirrikjedu li nantiċipaw u nimmaniġġaw il-bidla. L-għarfien dwar kif is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jiġu adattati sistematikament f'kull post tax-xogħol fid-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, flimkien ma' approċċ ta' "prevenzjoni permezz tad-disinn"²⁵ integrat ma' approċċ ta' disinn iċċentrat fuq il-ħaddiem, jista' jgħin biex jittaffew l-isfidi ġodda u emerġenti għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol relatati mad-diġitalizzazzjoni²⁶, ir-riskji psikosoċjali u ergonomiċi u forza tax-xogħol li qed tixjieħ. Barra minn hekk, il-projezzjonijiet juru li l-investment fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jagħti l-frott: ir-redditu huwa kważi żewġ euro għal kull euro investit²⁷; filwaqt li l-korrimenti u l-mard relatati max-xogħol jiswew lis-soċjetà l-ekwivalenti ta' aktar minn 3.3 % tal-PDG tal-UE²⁸.

²⁵ L-approċċ ta' "prevenzjoni permezz tad-disinn" huwa mod ta' prevenzjoni u kontroll tal-korrimenti, il-mard u l-imwiet fuq il-post tax-xogħol fil-fażi bikrija tal-proċess ta' ppjanar u tfassil. Ara wkoll l-EU-OSHA, 2018, Prospettiva dwar riskji okkupazzjonali ġodda u emerġenti tas-saħħa u s-sikurezza assoċjati mad-diġitalizzazzjoni sal-2025.

²⁶ Bħad-disponibbiltà diġitali 24/7, il-limiti mċajpra bejn il-ħajja privata u x-xogħol u l-użu ta' apparat li jiddetermina l-pass tax-xogħol jew jimmonitorja l-prestazzjoni tal-ħaddiema. Ara wkoll l-EU-OSHA, 2019; Stħarriġ Ewropew ta' Intrapriżi dwar Riskji Ġodda u Emerġenti, ESENER; u Eurofound, 2017, Sixth European Working Conditions Survey – Overview report.

²⁷ Kummissjoni Ewropea, 2011, Spejjeż soċjoekonomiċi ta' aċċidenti fuq ix-xogħol u mard relatat max-xogħol. Messaġġi ewlenin u studji ta' każijiet.

²⁸ EU-OSHA, 2017, Tqabbil internazzjonali tal-kost ta' aċċidenti u mard relatati max-xogħol.

14. L-għoti ta' opportunitajiet għal ħiliet, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja tax-xogħol tal-individwi huwa komponent importanti ta' xogħol sostenibbli. Dan jgħin lill-adulti ta' kull età jħejju għal swieq tax-xogħol li qed jinbidlu u jadattaw għalihom, jipprevjeni l-qgħad u jgħin biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. Il-maġġoranza l-kbira tal-istabbilimenti fl-UE jipprovdu xi forma ta' taħriġ (inkluż taħriġ fuq il-post tax-xogħol), iżda madwar tlieta minn kull 10 jipprovdu lil inqas minn 20 % tal-impjegati tagħhom²⁹. It-taħriġ imħallas jew ipprovdu minn min iħaddem huwa aktar aċċessibbli għall-impjegati b'kuntratti permanenti (44 %) milli għal dawk b'kuntratti b'terminu fiss (31 %) jew dawk b'tip ieħor ta' kuntratt jew bl-ebda kuntratt (22 % biss)³⁰. Fl-2016, 37 % biss tal-adulti kienu qed jipparteċipaw f'attivitajiet ta' taħlim kull sena. Għal adulti bi kwalifiki baxxi r-rata kienet biss ta' 18 %.³¹
15. Il-flessibbiltà, is-sigurtà, il-prevedibbiltà u l-opportunitajiet indaqs għal kulħadd huma aspetti importanti tax-xogħol sostenibbli. Is-sehem ta' forom ta' xogħol mhux standard ilu jiżdied għal dawn l-aħħar għaxar snin. Aktar minn erbgħa minn kull għaxar ħaddiema fl-UE mhumiex f'relazzjoni ta' impjieg standard³². Forom ta' xogħol mhux standard jistgħu joħolqu opportunitajiet ġodda ta' impjieg (b'mod partikolari għaliex jistgħu joffru aktar flessibbiltà), b'mod partikolari għal dawk li jinsabu aktar 'il bogħod mis-suq tax-xogħol, iżda jistgħu jżidu wkoll l-insigurtà u l-inċertezza, li jħallu effett negattiv fuq il-benessri tan-nies. Hemm data komparabbli limitata dwar forom ta' xogħol mhux standard, is-sinifikat tagħhom għas-swieq tax-xogħol u l-impatt tagħhom fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali madwar l-UE. Arranġamenti tax-xogħol flessibbli, kemm f'impjieg standard kif ukoll f'impjieg mhux standard, għandhom jiffaċilitaw bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata³³. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi biex jittejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol u l-protezzjoni soċjali ta' dawk f'impjieg mhux standard biex ix-xogħol isir sostenibbli għal kulħadd.

²⁹ Eurofound u Cedefop, 2020, European Company Survey 2019: Workplace practices unlocking employee potential.

³⁰ Eurofound, 2017. Sixth European Working Conditions Survey – Overview report.

³¹ Kummissjoni Ewropea, 2021, Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, COM(2021) 102 final

³² Parlament Ewropew, 2016, L-impjieg prekarju fl-Ewropa, Xejriet, Tendenzi u Strateġiji ta' Politika.

³³ Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-telexogħol, ST 9747/21

16. Id-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi hija karatteristika ewlenija mhux sostenibbli tas-swieq tax-xogħol. It-telf tal-potenzjal edukattiv u tax-xogħol tan-nisa għandu effett negattiv fuq il-prestazzjoni u l-vantaġġ kompetittiv tal-ekonomija tal-UE. Dan sewa lill-UE aktar minn EUR 320 biljun fl-2018, li jikkorrispondi għal 2.4 % tal-PDG tal-UE dik is-sena³⁴. Fattur kruċjali li jispjega l-parteċipazzjoni aktar baxxa tan-nisa fis-suq tax-xogħol huwa l-piż akbar li jgħorri f'responsabbiltajiet ta' kura, li jirriżulta minn kondiviżjoni mhux ugwali bejnhom u l-kontropartijiet irġiel tagħhom³⁵. L-istima, tul il-ħajja, tal-ispiża tal-esklużjoni ta' mara mill-impjeg hija ta' bejn EUR 1.2 miljun u EUR 2 miljun skont il-livell edukattiv tagħha, bl-istima tal-ispiża tkun ġeneralment ogħla għal nisa b'livell edukattiv oghla³⁶. It-titjib tal-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura³⁷ u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet ta' indukrar bejn in-nisa u l-irġiel jistgħu jikkontribwixxu biex titnaqqas id-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi.
17. Id-djalogu soċjali huwa essenzjali biex jiżgura xogħol sostenibbli għall-benefiċċju tal-partijiet kollha. Is-sħab soċjali għandhom rwol ċentrali f'dinja tax-xogħol li qed tinbidel u jinsabu f'pożizzjoni partikolarment tajba biex jidentifikaw – fil-kuntest ta' attivitajiet jew setturi speċifiċi – is-soluzzjonijiet u l-kondizzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà li jippermettu xogħol sostenibbli. Id-djalogu soċjali huwa għalhekk kruċjali wkoll għal ekonomiji produttivi u li jiffunzjonaw tajjeb u soċjetajiet koeżivi.

³⁴ Eurofound, 2020, Women and labour market equality: Has COVID-19 rolled back recent gains?

³⁵ Eurofound, 2018. Striking a balance: Reconciling work and life in the EU.

³⁶ Kummissjoni Ewropea, 2017, Valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja d-dokument Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE.

³⁷ Is-servizzi ta' kura jinkludu, iżda mhumiex limitati għal: indukrar tat-tfal, kura fit-tul (servizzi għal persuni dipendenti minħabba xjuħija, mard kroniku jew diżabbiltà), servizzi ta' kura għal żmien qasir.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA JISTIENEN

LILL-ISTATI MEMBRI biex, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali:

18. ISAĦĦU l-politiki biex itejbu aktar il-kondizzjonijiet tax-xogħol għal kulħadd u biex jappoġġaw lin-nies permezz tat-tranżizzjonijiet li jiffaċċjaw tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom sabiex ikunu jistgħu jidħlu u jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol malajr u jsibu impjieg ta' kwalità, inkluż permezz ta' kooperazzjoni bejn id-diversi servizzi pubbliċi involuti.
19. JAĠĠORNAW, kif xieraq, l-oqfsa legali u l-istrateġiji attwali nazzjonali tagħhom dwar ix-xogħol u s-saħħa b'kunsiderazzjoni xierqa għall-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021-2027, b'enfasi fuq it-tliet objettivi ewlenin trasversali tiegħu ta' antiċipazzjoni u ġestjoni tal-bidla fid-dinja l-ġdida tax-xogħol, it-titjib tal-prevenzjoni ta' aċċidenti u mard fuq il-post tax-xogħol, u stat ta' tħejjija aħjar għal kwalunkwe kriżi tas-saħħa potenzjali.
20. JIŻGURAW li jkun hemm biżżejjed riżorsi disponibbli għall-funzjonament, in-networking u l-promozzjoni tal-Punti Fokali nazzjonali tal-EU-OSHA.
21. JAĠĠORNAW il-metodi użati biex tiġi mbassra d-domanda għall-ħiliet u JTEJBU l-mekkaniżmi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' tlaqqiġ tal-ħiliet.
22. JIŻVILUPPAW u JIPPROMWOVU kontinwament opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd biex jgħinu lin-nies jadattaw għad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, anke billi jieħdu kont tal-Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa, inkluż billi jħeġġu t-trasferiment interġenerazzjonali tal-għarfien u l-ħiliet.
23. IŻIDU L-ISFORZI biex itejbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja għal dawk f'impjieg mhux standard, sabiex ix-xogħol isir sostenibbli għal kulħadd.

24. ISAĦĦU l-effettività tal-ispezzjonijiet tax-xogħol u mekkaniżmi oħra ta' infurzar u superviżjoni, kif xieraq, sabiex jiġu osservati d-dispożizzjonijiet legali applikabbli rilevanti għax-xogħol sostenibbli.
25. JESPLORAW AKTAR possibbiltajiet għal bilanċ aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, inkluż billi jtejbu l-aċċessibbiltà, l-affordabbiltà u l-kwalità tas-servizzi tal-kura, bil-ħsieb li, fost l-oħrajn, jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel fis-suq tax-xogħol.

LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, biex f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom:

26. JANALIZZAW l-ostakli ewlenin għax-xogħol sostenibbli u jistinkaw sistematikament biex JIDENTIFIKAW soluzzjonijiet li jiffaċilitawh, u b'hekk jappoġġaw it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, ħajja tax-xogħol itwal, il-benessri tan-nies, il-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, il-produttività u l-prestazzjoni ekonomika.
27. JAPPOĠĠAW ir-riċerka fil-bażijiet tad-data ta' kwalità dwar ix-xogħol sostenibbli, u l-iżvilupp tagħhom, b'kont meħud tal-varjabbli statistiċi soċjodemografiċi rilevanti³⁸, biex tiżguraw il-konsistenza tad-data, il-komparabbiltà u l-aċċessibbiltà għat-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza.
28. ISAĦĦU l-integrazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-politiki u l-miżuri rilevanti, speċjalment fl-oqsma tas-saħħa pubblika (b'mod partikolari s-saħħa mentali), il-kura soċjali, l-edukazzjoni u t-taħriġ, id-diġitalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, l-akkwist pubbliku u l-ambjent.
29. JIŻVILUPPAW AKTAR data statistika komparabbli dwar forom ta' xogħol mhux standard u JANALIZZAW is-sinifikat tagħhom għat-trasformazzjonijiet fis-suq tax-xogħol u l-impatt tagħhom fuq is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, b'kont meħud tal-varjabbli statistiċi soċjodemografiċi rilevanti.

³⁸ Il-varjabbli soċjodemografiċi jinkludu, pereżempju, l-età, is-sess, l-edukazzjoni, il-livell ta' limitazzjoni tal-abbiltà, l-unità domestika, l-impjieg, l-introjtu, eċċ.

30. JIFFAĊILITAW u JAPPOĠĠAW l-iskambju tal-aħjar prattiki u l-għarfien miksub dwar ix-xogħol sostenibbli u l-benefiċċji fit-tul tiegħu għall-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali, kif ukoll għall-benessri tan-nies, filwaqt li jittieħed kont tax-xejriet sottostanti aċċellerati mill-pandemija tal-COVID-19.
31. JIPPROMWOVU kultura ta' prevenzjoni fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kultura ta' taġlim tul il-ħajja.
32. IFASSLU u JIMPLIMENTAW miżuri mmirati biex jindirizzaw id-disparità bejn il-ġeneri fl-impjegi.
33. JAPPOĠĠAW lis-sħab soċjali sabiex isaħħu l-kapaċità taġhom li jippromwovu x-xogħol sostenibbli.

LILL-KUMMISSJONI EWROPEA biex:

34. TANALIZZA l-konsegwenzi ta' prattiki tax-xogħol mhux sostenibbli u l-benefiċċji ta' xogħol sostenibbli għall-individwi, għall-impjegaturi u għas-soċjetà kollha kemm hi, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji rilevanti tal-UE u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-OECD u l-ILO.
35. IŻŻOMM l-atti rilevanti tal-Unjoni taħt rieżami, bil-ħsieb li ttejjeb il-kontribut tal-miżuri eżistenti għax-xogħol sostenibbli, u tressaq il-proposti meħtieġa biex TADATTA l-istrumenti legali eżistenti, fejn rilevanti, għat-talbiet tad-dinja tax-xogħol li qed tinbidel, b'mod partikolari fir-rigward tat-tixjiħ tal-popolazzjoni.
36. TIŻGURA l-implimentazzjoni rapida u sħiħa ta' dawk l-azzjonijiet fil-Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2021-2027 li għalih hija responsabbli l-Kummissjoni Ewropea, b'enfasi partikolari fuq il-għlieda kontra l-kanċer okkupazzjonali permezz ta' progress ulterjuri fl-istabbiliment ta' limiti ta' esponiment fuq ix-xogħol, u TINTEGRA l-oġġettivi tal-Qafas Strateġiku tal-UE fid-dokumenti strateġiċi rilevanti eżistenti u futuri.

37. TIRRIKONIXXI l-importanza tax-xogħol sostenibbli tul il-ħajja tan-nies fl-Istrateġija Ewropea għall-Kura li jmiss.

LIS-SĦAB SOĊJALI biex, bir-rispett tar-rwol u l-awtonomija tagħhom:

38. JIBQGĦU INVOLUTI fid-djalogu soċjali fil-livelli kollha dwar id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel.

39. JIPPROMWOVU s-sensibilizzazzjoni dwar il-benefiċċji tax-xogħol sostenibbli għall-ħaddiema, għall-impjegaturi, għaċ-ċittadini u għas-soċjetà kollha kemm hi, u dwar kultura ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol u kultura ta' taġħlim tul il-ħajja.

40. JIPPROMWOVU azzjoni preventiva bħala l-aktar mod effettiv biex jiġi ggarantit ix-xogħol sostenibbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt tat-tixjiħ tal-popolazzjoni u d-diġitalizzazzjoni.

41. JISSENSIBILIZZAW dwar il-fatt li livell oġħla ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol huwa ta' benefiċċju għall-ħaddiema, għall-impjegaturi, għaċ-ċittadini u għas-soċjetà kollha kemm hi, u li impjegi siguri u tajbin għas-saħħa jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-ekonomija tal-Unjoni.

42. IKOMPLU JIPPROMWOVU l-implimentazzjoni effettiva tar-regoli eżistenti dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.